




## Il-Festa kif niftakarha jien

*- Emanuel Zammit*

Illum sejrin nagħtu ħarsa lejn il-festa tagħna għad unur il-Patruna ta' Beltna Santa Katarina V.M. Il-ħarsa tagħna tmur lura madwar ħamsa u ħamsin sena ilu fi tfuliti meta l-ħajja kienet bil-bosta differenti milli hi llum

Ta' min ifakkar li l-festa tagħna konna niċċelebrawha fix-xahar ta' Novembru, xahar li għalina ż-Żwieten kien u għadu marbut ma' Santa Katarina. Il-festa kienet tiġi ċċelebrata fl-eqreb ġimgħa tal-25 ta' Novembru, il-Jum Liturġiku tas-Solennita' ta' Santa Katarina.

Peró il-preparazzjonijiet kienu jibdew ferm qabel. Fix-xhur tas-sajf bejn Ġunju u Settembru l-attivitá tax-xogħol fil-maħżen tal-armar ma kienet taqta' qatt. Sajf sħiħ grupp imdaqqas ta' ġuvintur u rġiel kienu jqattaw siegħat sħaħ jiżbgħu u jagħmlu manutenzjoni u restawr fuq l-armar li kien jintrama fit-toroq prinċipali tar-raħal fil-ġranet tal-festa. Ħafna minn dan l-armar għadna nistgħu ingawduh sal-lum.

Attivitá oħra marbuta mal-festa tagħna, li din kienet tieħu preparazzjoni fit-tul, hija dik li kienet issir fid-Domus. Qiegħed nirreferi għad-dramm dwar il-ħajja ta' Santa Katarina. Għall-aħħar tax-xahar ta' Settembru u bidu t'Ottubru kienu jintagħżlu l-atturi prinċipali u kienu jibdew il-provi għal dan id-dramm, dramm li kien ikun mistenni miż-Żwieten kollha. Dan id-dramm kien inkiteb fl-1927 minn ċertu Karmenu Baldacchino, soċju tad-Domus. Kien dramm li bosta membri tad-Domus, li dawn kienu jiffurmaw il-Kumpanija Teatrali San Ġwann Bosco tal-istess Domus, kienu jkunu ħerqana biex jippreżentawh.

Fil-parti ta' Massiminu niftakar irġiel Żwieten li kienu jinterpretaw din il-parti b'suċċess wara ieħor, fosthom lil Ċensu Barbara (id-Deffien), Salvu Carabott (ix-Xaqra), Leli Galea (ta' Maħma), Spiru Buttiġieġ u xejn inqas Frans Zahra li dawn dejjem ħarġu bl-unuri. Fil-parti ta' Santa Katarina, parti hekk importanti, niftakar tfajliet li nterpretaw din il-parti bħal Katie Agius, Rita Montebello u Melania Debono. Kien dramm li l-qofol tiegħu kienu jkunu x-xeni li konna nsejħulhom il-kwadri tal-għeluq ta' dan id-dramm, fejn fosthom kienet tispikka l-aktar ix-xena ta' nterpetazzjoni mill-attriċi li kienet tagħmel il-parti ta' Santa Katarina mxebbha mal-vara titulari tagħna. Din ix-xena kienet

***ikompli f'paġna 30***

tqajjem entużjażmu kbir ġewwa l-platea tad-Domus minn dawk kollha li kienu jkunu preżenti. Din ix-xena kienet tkun akkumpanjata minn daqq ta' qniepen u b'musketterija li kienet tinħaraq minn ġo bitħa li kien hemm wara l-palk.

Sa dan it-tant fil-każini taż-żewġ soċjetajiet mużikali li għandna fir-raħal, jiġifieri fil-każini tal-Beland u tal-Banda Żejtun, il-preparazzjonijiet wkoll kienu jkunu bdew minn xhur qabel bħall-kunċerti, u manutenzjoni fil-każin ma kinitx tonqos. Fl-aħħar Ħadd ta' Settembru l-Għaqda Mużikali Beland kienet tiċċelebra l-Festa tal-Kappella tal-Każin, kif għadha tagħmel sal-lum. Il-Ħadd ta' wara il-Każin tal-Banda Żejtun kien jiċċelebra l-Festa tal-Kappella tiegħu, li dak iż-żmien kienet tagħmel parti mill-każin. Il-festi tal-kappelli rispettivi f'dawn il-każini kienet tiġi ċċelebrata b'quddiesa għall-membri filgħodu u filgħaxija kien isir programm mużikali fil-pjazza. Tista' tgħid li minn dakinhar kien jibda' l-fervur għall-Festa Titulari f'dawn is-soċjetajiet.

Biex tagħmel festa irid ikollok il-fondi finanzjarji biex tħallas għall-ispejjes li avvenimenti bħal dawn kienu jġibu magħhom. Għal dan l-għan niftakar il-Prokoratur tal-Knisja Dun Ġużepp Desira li kien jirsisti għall-ġbir mit-toroq. Kienu jitqasmu l-envelopes b'appelli biex wara dawn jerġaw jiġu miġbura. Għal din 'il biċċa xogħol Dun Ġużepp kien jagħmel xahar sħiħ f'Ottubru jiġbor bieb bieb madwar ir-raħal kollu. Jien li kont midħla tad-Domus fejn Dun Ġużepp kien Direttur kont immur miegħu kuljum wara li tispiċċa l-iskola biex niġbru għall-festa billi nħabtu l-bibien. Ma kinitx ħaġa faċli meta taf li bosta ġranet kien ikun il-maltemp, u maltemp mhux taċ-ċajt.

Għall-bidu t'Ottubru l-knisja kienet tibda' tilbes il-libsa tal-festa. Wara l-ewwel ta' Novembru, minn ġurnata għal oħra l-knisja tibda' tieħu ambjent ta' festa. Jitniżlu l-linef tan-navi li flimkien mal-linef l-oħra jagħtu dehra sinjorili lill-knisja. Jintramaw iż-żewġ linef tal-presbiterju magħrufa minn bosta bħala ta' Dun Ċesarin, għar-raġuni li kien dan is-saċerdot Żejtuni li ġabar għalihom. Bid-damask il-Knisja tibda' tieħu dehra tal-ġenna. Sabiħa mhux armata aħseb u ara mlibbsa b'dak kollu li żejnuha biha missirijietna. Il-Knisja tieħu forma ta' opra tal-arti sħiħa. It-tużell majestuż fuq l-artal maġġur u l-gandlieri artistiċi li saru fuq disinn tal-pittur Żejtuni Tuse' Busuttil ta' fuq l-artal ikomplu jżejnu lil dan it-tempju Katarinjan.

Iżda x'jiswa dan it-tiżjin kollu, jekk l-isbaħ ħaġa li żżejjen dan it-tempju tkun għadha maqfulha fin-niċċa tagħha. Il-jum u s-siegħa tal-ħruġ tagħha min-niċċa jasal ukoll. Fi tfuliti il-ħruġ tal-vara min-niċċa kien ikun b'mod kwiet. Ħadd qabel il-festa, wara l-quddiesa tal-10.30 ta' filgħodu, konna ninġabru ftit nies ġewwa l-knisja u jibda l-proċess tal-ħruġ. Jitneħħa l-ħġieġ u wara l-vara titpoġġa fuq il-bradella tagħha. Ġanmari Debono, bniedem dilettant u midħla sewwa tal-knisja, kien jitla' fuq il-forċi u b'pinzell magħmul mir-rix kien ifarfar il-vara. Wara kienet titneħħa l-kuruna ta' rasha u titpoġġilha oħra u mbagħad kienet tintrefgħha għal fuq il-bankun li kien jkun armat bil-lest f'nofs il-korsija u wara kienet titpoġġa taħt in-nava. Kollox isir bil-kwiet, sakemm

l-emozzjoni tibda' tiela' u dawk kollha preżenti jinfexxew f'ċapċipa spontanja li tkun ħierġa mill-qalb. Xi demmha mill-għajnejn kienet toħroġ ukoll. Jien għalija l-Vara Titulari ta' Santa Katarina mhijiex vara statika, għax fiha nilmaħ figura li lejha ġenituri tiegħi żegħraw fija mħabba speċjali.

Fil-ġimgħa tal-festa, barra fit-toroq, jibda' jintrama l-armar. Ix-xitwa ġġagħlek li tarma b'mod limitat. Ix-xitwa tista' tgħid li kienet tibda' fil-ġimgħa tal-festa tagħna. Ġieli ġie armat xi armar li wara ftit tal-ħin reġa żżarma. Iżda l-imħabba u s-sagrifiċċju qatt ma qatat il-qlub ta' bosta dilettanti. Iż-żgħażagħ tal-armar ta' tfuliti, bħal John Pace, Piju Mifsud, Charles Desira u tant oħrajn, dejjem ħadmu biex jaraw is-suċċess f'dak li hu armar ta' barra. John Pace kien irrestawra l-istatwi ta' b'Ħamsa (tal-Martirju), ta' b'Għaxra (tal-Għerusija) u l-istatwi l-oħra li kienu jintramaw fit-toroq. Niftakar lil Joe Baldacchino u lil Leli Agius ifasslu u jaħdmu settijiet ta' pilandri, għal fuq il-kolonni tal-pjazza. Niftakar it-trofej tal-antarjoli b'arma u bil-kliem tal-Antifona skolpit fuqhom, jintramaw fi Triq San Girgor. L-armar f'din it-triq kien iwassal biss sad-Domus. It-triq tal-Għassa (Triq Mater Boni Consigli) kienet tkun armata bil-pavaljuni tal-kartun u drapp, maħduma fuq disinn ta' Ġużeppi Spiteri (Katutu). Niftakar ukoll il-pavaljuni li ddisinja il-pittur Tuse' Busuttil, pavaljuni li min jaf kemm waħħalna fuqhom karti bil-kolla taż-żibeġ jien, Leli Busuttil, Charles Cassar u oħrajn. Kienu pavaljuni simili għal dawk li kienu jintramaw għall-festa ta' San Duminku tal-Belt Valletta. Ma rridx inħalli barra lil Żejtuni ieħor. Ġeraldu Tabone kien pinġa sett bandalori b'simboli tassew artistiċi għall-pjazza. Is-salib tal-pjazza kien jarmah ċertu wieħed li konna nsibuh bħala 'Breġju'. L-istatwa ta' Malta kienet tintrama ħdejn Sant'Anġ fuq il-pedestall kolossali tagħha, maħdum mill-aħwa 'Ta' Aperturi', u tant armar ieħor. Iżda għal bosta snin it-temp ma kienx jippermetti li dan l-armar jintrama.

Ma nkunx għedt kollox dwar l-armar jekk ma nsemmix bniedem li kellu għal qalbu dak kollu li hu Żejtuni u f'dak kollu li tidħol Santa Katarina. Qiegħed nirreferi għal Ċensu Grech (tal-Ixkawx) li kien jieħu ħsieb l-armar tal-pavaljuni ta' Triq Santa Monika. Kien ġarr għalija, hu u Ġużeppi Mifsud (il-Magajz), illum it-tnejn mejtin. Għal Ċensu l-pavaljuni kienu l-mimmi t'għajnejh u ġieli f'ġurnata dawn tellajnihom u niżżilnihom sa erba' darbiet minħabba x-xita. Ċensu Grech u ħutu kollha ħabbew lil Santa Katarina b'imħabba kbira.

Rigward il-funzjonijiet ġewwa l-Knisja, il-festa kienet tibda mill-ġurnata tal-Erbgħa, l-Ewwel Jum tat-Tridu. Jien u Dun Ġorġ Spiteri trabbejna flimkien, nilagħbu bil-knisja għand xulxin u f'klassi waħda għal bosta snin. Il-festa ġewwa l-Knisja konna ngawduha mill-bidu sat-tmiem, anzi konna mmorru għall-funzjonijiet siegħat qabel. Nhar l-Ewwel Jum tat-Tridu, f'nofsinhar, aħna t-tfal meta konna nkunu ħerġin mill-iskola u nibdew nisimgħu l-qniepen tal-Knisja jdoqqu l-mota aħna konna nħarsu 'l fuq lejn is-sema għax niesna kienu jgħidulna li tkun ġejja Santa Katarina għall-festa. Ta' tfal innoċenti li konna, konna nħarsu 'l fuq u bil-kemm ma konniex ngħidu li qegħdin narawha.

***ikompli f'paġna 32***

It-tridu kien jibda fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija bl-Għasar u wara l-Quddiesa bil-priedka, priedka li kienet tkun mistennija l-aktar meta l-predikatur kien ikun xi patri jew saċerdot imsemmi. Niftakar fost l-oħrajn lil predikaturi bħal Dun Ġużepp Bonello ta' Bormla, Dun Lawrenz Mifsud u Patri Vinċenz Portelli li dawn wasslu l-kelma b'mod li wrew li huma predikaturi kapaċi. Wara l-quddiesa kienet tingħat il-kurunella. Jien ilhi naf il-kurunella lil Santa Katarina minn meta kelli sitt snin u kienet għalmitili iz-Zija Ġużeppa, oħt missieri, li kull nhar ta' Ħadd kienet tgħidili u jien nirrepeti warajha. L-aktar parti mit-Tridu li bosta jkunu jistennew huwa l-kant tal-Innu, l-Antifona u tal-Barka Sagramentali, li kollha huma biċċiet ta' mużika mmortali tal-kompożitur Żejtuni Carlo Diacono. Il-funzjoni kienet tagħlaq bil-Barka Sagramentali u l-bews tar-Relikwija, akkumpanjat bl-Innu Popolari 'Warda Bajda'. Ta' min jgħid li l-attendenza tan-nies fil-knisja kienet tkun waħda numeruża, anke meta kienet tkun ġurnata b'maltemp qalil. Il-jumejn ta' wara kienu jkomplu bl-istess funzjonijiet, bid-differenza li ċ-ċelebrant kien ikun differenti.

Rigward il-festa ta' barra kienet tibda mill-Ġimgħa, meta t-temp kien jippermetti, it-toroq tar-raħal kienu jilbsu l-libsa tal-festa. Wara li jispiċċa t-tridu kien isir marċ minn waħda mill-baned tagħna, sena kull wieħed. Il-marċ kien ikun akkumpanjat minn bosta standardi, bħal ta' Malta, tal-Papa, tar-Reliġjon, taż-Żejtun u oħrajn li flimkien kienu jagħtu dehra verament festiva. Niftakar liż-żgħażagħ tal-armar kienu joħorġu xi statwa li tirrafigura lil Santa Katarina li din kienet takkumpanja l-marċ tal-Ġimgħa. Niftakar diversi drabi l-istatwa ta' b'Ħamsa (tal-Martirju). Ġieli wkoll inġiebet il-vara ta' Santa Katarina li hemm fil-knisja l-antika ta' San Girgor. Il-marċ kien jintemm ħafna tard bil-lejl.

Is-Sibt lejliet il-festa filgħodu kienet issir il-quddiesa tat-Tedeum. L-orkestra għal din il-quddiesa kienu jieħdu ħsiebha iċ-Ċirkolo Santa Katarina (tal-Laċċi), peress li dan iċ-ċirkolu kellu l-orkestra tiegħu. Niftakar ukoll li ċ-Ċirkolo Santa Katarina kien anke ġieli esegwixxa programm fil-pjazza bl-orkestra u kien jiġi esegwit ukoll l-innu mmortali 'O Santa Verginella'. L-istess ċirkolu kellu pjanċier artistiku li jien niftakru jiġi armat.

Waqt li kien ikun qiegħed jitkanta t-Tedeum ġewwa l-Knisja, fuq barra quddiem il-bieb il-kbir tal-knisja kienet tintrama kolonna u fuqha bħal speċi ta' ballun li miegħu kien ikun hemm marbuta musketterija li din malli tinħaraq jinfetaħ il-ballun u tfeġġ statwa żgħira ta' Santa Katarina. Kienet funzjoni mistennija. Din kien jieħu ħsiebha ċertu wieħed li konna nsibuh bħala 'Brejġu'.

Filgħaxija l-festa kienet tkompli bit-Transulazzjoni tar-Relikwija ta' Santa Katarina, li din kienet toħroġ jew mill-Oratorju jew minn ġol-Knisja stess, minn fuq l-artal tal-Kappellun tal-Kurċifiss. F'xi okkażjoni speċjali bħal xi ċentinarju, din it-Transulazzjoni kienet issir mill-Knisja ta' San Girgor, jew minn xi knisja oħra. Wara kien jingħad l-Ewwel Għasar Solenni u ssir il-Barka Sagramentali.

***ikompli f'paġna 34***

Lejliet il-festa ż-żewġ għaqdiet mużikali tagħna kienu jesegwixxu l-programm mużikali li jkunu ilhom jippreparaw għalih. Kienu jindaqqu l-innijiet ddedikati lil Santa Katarina, bħal dak esegwit mill-Banda Beland 'Ai Sacri Ministri', u xi biċċiet mużikali oħra li l-baned tagħna kienu jippreparaw. Għal ħabta tal-ħdax ta' bil-lejl kien jinħaraq in-nar tal-art fil-pjazza ta' wara l-Knisja, li f'dawk iż-żminijiet din il-pjazza kienet kollha żrar u trab.

Il-Ħadd filgħodu, f'Jum is-Solennita ta' Santa Katarina, kulħadd kien imur għall-quddies u għat-tqarbina, biex din tqaddes dan il-jum. Tista' tgħid li l-maġġoranza tan-nies kienet tersaq għat-tqarbin, dan wara li fit-tlett ijiem tat-tridu kienu jiġu fostna numru sabiħ ta' patrijiet Kapuċċini li kienu jagħtu s-servizz tal-qrar ġewwa l-knisja għal bosta sigħat. Wara t-talb tal-Lawdi, għal xi d-disgħa ta' filgħodu, kienet tibda l-Quddiesa Solenni tal-Festa, quddiesa li l-mużika tagħha kienet tpaxxi l-widna u li ħarġet mill-pinna ta' Carlo Diacono. Biex tkompli ssebbaħ din il-quddiesa ma kienx jonqos xejn għajr Paniġirku minn xi predikatur li bi kliemu kien jislet kuruna ta' tifħir lil Patruna Santa Katarina. Ta' min iżid li l-quddies fil-Knisja Parrokkjali kien ikun spiss u li kien jibda xi l-erbgħa u nofs ta' filgħodu. Dawn il-quddisiet kienu jsiru anke fuq l-artali tal-ġnub peress li barra s-saċerdoti li kienu r-raħal kienu jiġu anke patrijiet u reliġjużi Żwieten biex iqaddsu fil-festa ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' raħalhom.

Fi tfuliti, kemm filgħodu u kemm wara nofsinhar ma kien isir l-ebda marċ. Il-baned mistiedna kienu jibdew is-servizz tagħhom qabel il-ħruġ tal-purċissjoni. 'Il barra mir-raħal, bħall-inħawi tal-Barrani u ta' Bulebel, id-dehra taż-Żejtun kienet tkun waħda mill-isbaħ, bnadar jittajru fuq bosta bjut, flimkien mal-moti ferrieħa tal-qniepen li dawn jimlew l-arja bil-ferħ tal-festa. Għal nofsinhar il-familji Żwieten kienu jippreparaw dik l-ikla b'xi ħaġa speċjali tal-festa, msajra fil-fran li kellna ġewwa r-raħal. Kont tista' tinnota r-riħa tal-ikel bnin li jkun ġie ppreparat għal dik il-ġurnata u li dak iż-żmien kien jinħema fil-fran tal-ħobż. Xi deżerta tajba magħmulha mid-dulċiera Żwieten ma kinitx tonqos.

Filgħaxija, għal xi l-erbgħa ta' wara nofsinhar, id-daqq tal-qniepen kien jibda' jsejjaħ biex kulħadd jerħilha lejn il-Knisja ħalli tingħata bidu għall-purċissjoni. Wara t-Tieni Għasar Solenni l-bieb prinċipali tal-Knisja kien jinfetaħ u tibda ħierġa l-purċissjoni. Dan kien ikun mument ta' stennija kbira minn kull iben dehen ta' dan ir-raħal, u b'imħabba speċjali lejn ix-xbejba Lixandrina. Il-qalb kienet timtela' bil-ħeġġa malli l-Vara Titulari ta' Santa Katarina kienet tfeġġ fuq l-għatba tal-bieb tal-Knisja. B'xena bħal din ma nistax ma niftakarx f'niesi u oħrajn li b'qalb mimlija mħabba kienu jilqgħu lil Santa Katarina. Illum dawn il-persuni jinsabu jgawdu lil Santa Katarina ġewwa l-Ġenna.

Mal-ħruġ tal-purċissjoni kienu jintefaw kwantita ta' karti kkuluriti fuq il-vara, kif ukoll karti bis-sunetti miktubha għall-okkażjoni. Dawn is-sunetti kien jieħu ħsieb li jiktibhom Dun Karm Galea, saċerdot Żejtuni, li dejjem kien ikun fil-Knisja Parrokkjali jagħti s-servizz tiegħu. Dawn is-sunetti kienu jiġu stampati fi stamperija fiż-Żejtun

stess, ġewwa Modern Press fi Triq Mater Boni Consigli. Jien stess ġieli mort niġborhom mingħand l-istampatur meta kont tifel għax kien jibgħatni Dun Karm peress li kien hu stess li jħallas għalihom. Dawn is-sunetti flimkien mal-karti kienu jintefgħu minn fuq iċ-ċinta tal-knisja, fejn fost oħrajn niftakar lil Jimmy Diacono jagħmel dax-xogħol.

Meta l-purċissjoni kienet tibda' toqrob lura lejn il-knisja, propju quddiem l-għassa tal-Pulizija, hemm kienet tinfetaħ il-kuruna u minnha kienu joħorġu karti u fjuri maħduma fil-karti u dawn kienu jinżlu fuq il-vara. Minn hawn kien jibda l-briju li kien jakkumpanja l-vara sal-pjazza, fejn il-baned mistiedna kienu jdoqqu l-innijiet rispettivi. Kien jinħaraq ukoll in-nar minn fuq il-bjut tal-każini u wara kienet tibda dieħla l-purċissjoni fil-knisja. Mal-wasla tal-vara fuq iz-zuntier tal-knisja l-briju kien ikun fl-aqwa tiegħu u b'hekk kienet tiddaħħal il-vara lura ġewwa l-knisja. Fi tfuliti l-vara ma kinitx tiddawwar wiċċha 'l barra qabel tidħol fil-knisja. Mad-dħul kienet titkanta l-Antifona u wara tingħata l-Barka Sagramentali. Fl-aħħar kienet issir il-bews tar-Relikwija għall-aħħar darba u b'hekk kienet tintemm il-festa. Fi tfuliti, qabel ma kulħadd jirritorna lejn daru, il-familji kellhom id-drawwa li jixtru biċċa qubbajt tal-festa biex b'hekk il-festa tkun tassew kompluta.

Din kienet il-festa ta' tfuliti, mlewna bil-bosta tifkiriet tal-imgħoddi li dawn ma jerġawx jiġu lura. Santa Katarina għadha 'l istess u meta riġlejja joħduni lejn iċ-ċimiterju tar-raħal hemm nilmaħ xbihetha fl-istatwa tal-ġebel li hemm fl-istess ċimiterju. Hemmhekk, minn qalbi, ntennielha 'O Santa Katarina, Omm tagħna ż-Żwieten, ħares lejn uliedek li hawn taħt ħarstek jistkennu u daħħalhom ħdejk fil-glorja tal-Ġenna.'

